32005R0886

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 886/2005

ta' l-10 ta' Ġunju 2005

li jissupplimenta l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2400/96 fir-rigward l-introduzzjoni ta' isem fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti — Miel de Granada (DPO)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 tal-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-applikazzjoni ta' Spanja għar-reġistrazzjoni ta' "*Miel de Granada*" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Tressqet oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92. Ġaladarba din l-oġġezzjoni ma ssodisfat l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet ta' ammissibilità stipulati fl-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, għaldaqstant l-isem għandu jiddaħħal fir-Reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni fl-Anness għal dan ir-Regolament għandu jiżdied fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2400/96 [3].

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU C 89, 14.4.2004, p. 3.

[3] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 737/2005 (ĠU L 122, 14.5.2005, p. 15).

ANNESS

PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESS I GĦAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM TAL-BNIEDEM

Prodotti tal-annimali oħra (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib li ma jikludux butir, eċċ)

SPANJA

Miel de Granada (DPO)